# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Illum il-Ħamis, 29 ta' Settembru 2016**

**Rikors Ġuramentat Numru: 45/2016 PC**

**Josephine mart John Camilleri;**
**Felicia xebba Buttiġieġ; u**
**Francis Buttiġieġ**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat Ċitazzjoni tal-atturi li permezz tagħhom wara li ppremettew:

Illi huma l-ulied ta' Maria Paola Bajada ġia mart Antonio Buttiġieġ;

Illi l-imsemmija Maria Paola Bajada twieldet minn Giuseppe Bajada u Maria nee Farrugia f'Sannat Għawdex, fit-13 ta' Frar 1925 u l-att tat-twelid tagħha ġie rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku, Victoria, Għawdex bin-numru progressiv 129/1925 (Dokument A);

Illi dan iċ-ċertifikat huwa skorrett għaliex fit-"Tagħrif Dwar l-Omm", fil-kolonna "Isem u Kunjom" hemm indikat li omm it-tarbija kien jisimiha "Margherita" mentri fil-fatt kien jisimha "Maria";

Illi l-imsemmija Maria Paola Buttiġieġ nee' Bajada mietet fil-ħdax (11) ta' Ġunju tas-sena korrenti u minħabba dan l-iżball fiċ-ċertifikat tat-twelid tagħha, l-esponenti ma jistgħux jirreġistraw iċ-ċertifikat tal-mewt tagħha;

Illi l-fatt li l-indikazzjoni tal-isem tal-bużnanna materna tagħhom fiċ-ċertifikat tat-twelid Numru 129/1925 huwa skorrett huwa kkonfermat minn:

i. Iċ-ċertifikat taż-żwieġ bejn in-nanniet materni tagħhom Antonio Buttiġieġ u Maria Paola Bajada – Ċertifikat numru 56/1945;

ii. Iċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-bużnanniet materni tagħhom Giuseppe Bajada u Maria nee' Farrugia, Ċertifikat numru 12/1924;

iii. Iċ-Ċertifikat tal-magħmudija ta' Maria Paola Bajada.

Illi għaldaqstant huma jridu li dan l-iżball jiġi korrett;

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tordna l-korrezzjoni tal-att tat-twelid numru 129/1925, ċertifikat tat-twelid ta' Maria Paola Bajada billi, fit-"Tagħrif dwar l-Omm" fil-kolonna "Isem u kunjom", l-isem "Margherita" jiġi sostitwit bl-isem "Maria".

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa int inġunt.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess rikors u ċioe bħala Dokument A – Kopja taċ-ċertifikat tat-Twelid ta' Maria Paola Bajada, numru 129/1925; Dokument B – Kopja taċ-ċertifikat mediku tal-mewt ta' Maria Paola Bajada; Dokument Ċ – ċertifikat tal-magħmudija ta' Maria Paola Bajada; Dokument D – Estratt miċ-ċertifikat taż-żwieġ bejn Giuseppe Bajada u Maria Farrugia, ċertifikat numru 32/1924; u bħala Dokument E – Estratt miċ-ċertifikat taż-żwieġ bejn Antonio Buttiġieġ u Maria Paola Bajada, ċertifikat numru 54/1945.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ta' Għawdex li permezz tiegħu wieġeb:

1. Illi l-esponenti mhux qiegħda topponi għat-talba tar-rikorrenti u għalhekk qiegħda tirrimetti ruħha għas-salv ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti tissottometti illi t-talba tar-rikorrenti hija skorretta fit-tielet premessa fir-rikors hawn fuq imsemmi, stante li t-talba hija li l-isem tal-bużnanna tar-rikorrenti jiġi

mibdul għal 'Maria', mentri f'din il-premessa dan l-isem huwa miktub differenti u t-talba hi sabiex l-isem jiġi mibdul għal 'Marija';

3. Illi nonostanti l-esponenti m'għandux ibati l-ispejjeż tal-istanti, peress li l-iżball in kwistjoni mhuwiex attribbwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir da parti tal-esponenti;

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess konvenut kkonfermata bil-ġurament tiegħu.

Il-Qorti;

Billi jidrilha illi t-talba attriċi hija ġustifikata, tiddeċidi l-kawża billi tilqa' l-istess talba attriċi u Tordna l-korrezzjoni tal-att tat-twelid numru 129/1925, u ċertifikat tat-twelid ta' Maria Paola Bajada billi, fit-"Tagħrif dwar l-Omm" fil-kolonna "Isem u kunjom", l-isem "Margherita" jiġi sostitwit bl-isem "Maria".

Minħabba n-natura tal-kawża l-ispejjeż għandhom jiġu ssopportati mill-istess atturi.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur